**MALTA**
**TRIBUNAL TA' REVIŻJONI AMMINISTRATTIVA**
**MAĠISTRAT DR. CHARMAINE GALEA**

**10 ta' Lulju 2023**

**Rikors Numru 51/2022**

**Alex Mallia**

**Vs**

**Transport Malta**

**It-Tribunal,**

Ra r-rikors ippreżentat minn **Alex Mallia** ippreżentat fl-20 ta' Gunju 2022 li permezz tiegħu ppremetta u talab is-segwenti:

> *Illi l-esponenti ressaq talba biex jingħata liċenzja ta' operatur għal servizz ta' ġarr ta' passiġġieri b'vetturi żgħar;*
>
> *Illi dina t-talba ġiet miċħuda lilu permezz ta' ittra tal-intimati datata 19 ta' Mejju, 2022;*
>
> *Illi l-esponenti jirritjeni li d-deċiżjoni tal-intimati kienet waħda skorretta kif ser jirriżulta waqt il-ġbir tal-provi u s-smiegħ ta' dana l-umli rikors;*
>
> *Illi huwa qed jintavola appell minn l-imsemmija deċiżjoni ai termini tar-regolament 8[5] tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 499.68;*
>
> *Għalhekk l-esponenti qiegħed jitlob lil dana l-Onorabbli Tribunal jgħoġbu jirrevoka d-deċiżjoni tal-intimati kif kontenuta fl-ittra datata 19 ta' Mejju, 2022 sabiex b'hekk l-esponenti jingħata l-liċenzja ta' operatur kif huwa talab lill-istess intimati.*

Ra r-risposta tal-**Awtorita` intimata** ppreżentata fis-6 ta' Lulju 2022 li permezz tagħha eċċepiet is-segwenti:

1. *Illi preliminarjament ir-rikor promotur ġie preżentat fuori termine u għalhekk huwa null u bla ebda effett. Dan għaliex ir-rikors tal-appell ma ġiex preżentat entro t-terminu ta' għoxrin ġurnata stabbilit fir-Regolment 8(5) tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 499.68.*

2. *Illi, sussidjarjament u mingħajr ebda preġudizzju għas-suespost, id-deċiżjoni tal-Awtorita' rispondenti kif notifikata lir-rikorrent Alex Mallia permezz tal-ittra tagħha datata 19 ta' Mejju, 2022 hija waħda ġusta, korretta u skond il-liġi u għalhekk għandha tiġi konfermata u r-rikors preżentat mir-rikorrent għandu jiġi miċħud bl-ispejjeż, u dan stante illi r-rikorrent ma jissodisfax il-kundizzjoni ta' kondotta u reputazzjoni tajba stabbilit fl-imsemmija Leġislazzjoni Sussidjarja 499.68 i vista ta' sentenza mogħtija fil-konfront tiegħu mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali fil-25 ta' Frar, 2008 u kkonfermata mill-Qorti tal-Appell Kriminali fit-18 ta' Ġunju, 2008.*

3. *Illi għalhekk it-talbiet tar-rikorrent appellant Alex Mallia għandhom jiġu miċħuda bl-ispejjeż kontra tiegħu.*

Sema' x-xhieda;

Ra l-atti kollha;

Ra illi fis-seduta tal-20 ta Lulju 2022 l-Awtorita` intimata rtirat l-ewwel eccezzjoni taghha;

Ra li r-rikors ġie mħolli għal-lum għas-sentenza.

**Ikkunsidra:**

Illi r-rikorrent ħassu aggravat b'deċiżjoni tal-Awtorita` intimata komunikata lilu permezz ta' ittra datata 19 ta' Mejju 2022 li permezz tagħha ġie mgħarraf illi l-Awtorita kienet irrifjutat l-applikazzjoni tiegħu ghall-hrug ta' permess ta' operatur ghal servizz ta' garr ta' passiġġieri b'vetturi zghar stante li ma jissodisfax il-kundizzjoni ta' reputazzjoni u kondotta tajba *ai termini* tar-Regolamenti Dwar Servizzi Ta' Garr Ta' Passiggieri B'Vetturi Zghar u Servizzi Ta' Kiri Ta' Vetturi (Leġislazzjoni Sussidjarja

499.68) u dan in vista ta' zewg sentenzi moghtija fil-konfront tieghu fil-25 ta' Frar 2008 u fit-18 ta' Gunju 2008.

**Ikkunsidra:**

Illi ai termini tar-Regolament 6 (1) tal-Legislazzjoni Sussidjarja 499.68:

***Applikant li japplika għal-liċenzja ta' operatur għandu, qabel ma jingħata l-liċenzja, jissodisfa lill-Awtorità li hu ta'reputazzjoni u kondotta tajba.***

Illi ghalhekk, sabiex l-Awtorita` intimata tkun tista' tawtorizza l-hrug ta' licenzja ta' operatur, trid tkun tal-opinjoni li l-istess applikant huwa ta' **reputazzjoni u kondotta tajba.**

Illi għall-aħjar intendiment tar-raġuni mogħtija mill-Awtorita` intimata, it-Tribunal se jiċċita testwalment ir-Regolament 9 tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 499.68 li jelenka ċ-ċirkostanzi, li jekk javveraw ruħhom, persuna ma titqiesx ta' **"reputazzjoni u kondotta tajba"**, u cioe`:

*9. (1) Persuna ma titqiesx li tissodisfa l-kondizzjoni ta'reputazzjoni u kondotta tajba:*

*(a) jekk hija tkun instabet ħatja ta' xi reat kif jidher –*

*(i) fit-Titolu I tat-Taqsima II tal-Ewwel Ktiebtal-Kodiċi Kriminali jew fl-artikoli 198, 199, 203, 203A,204, 204A, 204B, 204Ċ, 205, 211, 212, 217 (f'każ illi r-reat ikun twettaq permezz ta' arma tan-nar), 220, 238(a),248B, 248Ċ, 248D tal-Kodiċi Kriminali;*

*(ii) fl-artikoli 2, 3, 5, 7, 8, 9 u 10 tal-Ordinanza dwar il-Qirda tal-Kummerċ fil-Prostituzzjoni;*

*(iii) fl-artikoli 40A, 40B, 120A, u 120B tal-Ordinanza dwar il-Professjoni Medika u l-Professjonijietli għandhom x'jaqsmu magħha;*

*(iv) fl-**artikoli 4, 5, 6(a), 7, 8(b), 8(ċ), 8(e), 11, 13(2), 14(3), 15, 15A, 16, 17, 18, 22(1)(b), (ċ), (d), (e),(f), 22(1Ċ), 22(1D)(a), 22(1E) u 22(3BA)(5) tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi**;*

*(v) fl-artikoli 37, 38, 44, 50 u 61 tal-Att dwar il-Forzi Armati ta' Malta;*

*(b) għal dak il-perjodu ta' żmien meta hija tkun qiegħda tiskonta piena ta' priġunerija ta' mhux inqas minn xahar(1);*

*(ċ) għal dak il-perjodu ta' żmien li jiġi minnufih wara dak iż-żmien li hija tkun għamlet tiskonta piena ta' priġunerija ta' mhux inqas minn xahar (1) li tkun ingħatat lil dik il-persuna għal reat jew reati marbuta ma' vjolenza fuq persuna oħra, liema perjodu jkun:*

*(i) tliet (3) xhur fir-rigward ta' pieni ta' priġunerija ta' mhux inqas minn sitt (6) xhur iżda li ma jkunux aktar minn sentejn (2);*
*(ii) daqs kwart tal-piena ta' priġunerija li għaliha persuna bħal dik tkun ikkundannata piena ta' priġunerija ta' aktar minn sentejn (2):*

*Iżda wkoll meta l-applikant kellu inqas minn tmintax(18)-il sena meta wettaq ir-reat, il-perjodi msemmija fil-paragrafu (ċ) ma għandhomx ikunu ta' aktar minn sentejn (2).*

*(d) tkun instabet ħatja li wettqet xi reat bħal dawk taħt xi liġi ta' pajjiż jew territorju barra minn Malta.*

*(2) Għall-finijiet biex jiġi stabbilit jekk persuna hijiex ta'reputazzjoni u kondotta tajba skont is-subregolament (1), il-frażi "sentenza" ma għandhiex tinkludi:*

*(a) ordni ta' probation mogħtija skont l-artikolu 7 tal-Att dwar il-Probation jew l-artikolu 5 tal-Att dwar il-Probation tal-Ħatjin u li tkun ġiet osservata mill-probationer jew ordni għal-liberazzjoni assoluta jew taħt kondizzjoni mogħtija taħt l-artikolu 22 tal-Att dwar il-Probation jew l-artikolu 9 tal-Attdwar il-Probation tal-Ħatjin li tkun ġiet osservata; jew*

*(b) sentenza għat-twettiq ta' reat li dwaru persuna li tkun ġiet misjuba ħatja tiġi mogħtija maħfra mill-President ta' Malta skont l-artikolu 93(1) tal-Kostituzzjoni ta' Malta; iżda dan il-paragrafu għandu jkun japplika biss mid-data li fiha l-President ta' Malta jkun ta maħfra bħal dik; jew*

*(ċ) sentenza li fil-waqt tal-applikazzjoni tagħha tkun qiegħda taħt appell; jew*

*(d) sentenza għat-twettiq ta' reat ta' pussess għall-użu esklussiv imsemmija fis-subparagrafi (iii) u (iv) tas-subregolament (1)(a), liema sentenza tkun ingħatat mill-anqas tliet (3) snin qabel id-data li fiha tkun saret l-applikazzjoni għal-liċenzja ta' operatur fejn l-applikant ikun irriabilita ruħu u ma kellux sentenza oħra matul dawn it-tliet (3) snin.*

Illi fir-rikors promutur ir-rikorent isostni li d-decizjoni appellata hija wahda skorretta. Mis-sottomissjonijiet finali jirrizulta illi dan qieghed isostnieh ghaliex fil-fehma tieghu illum il-gurnata il-legislatur qieghed dejjem jixpruna 'l quddiem il-kuncett ta' "rijabilitazzjoni" iktar milli ta' "punizzjoni". Ghaldaqstant huwa sostna illi filwaqt li

ma hemmx dubju li r-rikorrent instab hati tar-reati kif murija fuq il-fedina penali tieghu, ir-reati gew kommessi snin twal ilu, u cioe` fl-2006 u kwindi r-rikorrent, ladarba hallas ghal ghemilu, m'ghandux jibqa' jiġi punit ghall-istess reati ghal hajtu kollha. Ir-rikorrent sahaq ukoll illi dan it-Tribunal ghandu diskrezzjoni li jimxi fuq bażi ta' ekwita` u gustizzja u jirrevoka d-decizjoni irragjonevoli tal-Awtorita`, anke jekk gie ammess illi l-ligi ma taghti ebda diskrezzjoni lill-Awtorita` intimata.

Illi kuntrarjament ghal dak sottomess mir-rikorrent, dan it-Tribunal, bhall-Awtorita` intimata, ma ghandu ebda diskrezzjoni fir-rigward tal-interpretazzjoni li l-legislatur ried jaghti lill-frazi "**ta' reputazzjoni u kondotta tajba**". It-Tribunal josserva illi l-Awtorita` intimata esebiet kemm il-fedina penali tar-rikorrent[1] u kif ukoll iz-zewg sentenzi li abbażi taghhom hareg ir-rifjut in kwistjoni. Minn dawn is-sentenzi jirrizulta illi fis-27 ta' Frar 2008, ir-rikorrent kien gie misjub hati mill-Qorti Kriminali, fost affarijiet ohra, ta' traffikar tar-raza mehuda mill-pjanta tal-kannabis u gie kkundannat ghal disa' (9) snin priġunerija u ghal multa ta' erbgha u ghoxrin elf ewro (€24,000) u kif ukoll ġiet ordnata l-konfiska tal-oggetti kollha li dwarhom sar ir-reat u l-konfiska ta' kull flejjes jew proprjetà` mobbli jew immobbli favur il-Gvern ta' Malta. Din is-sentenza ġiet konfermata, ad eċċezzjoni tal-ordni ta' konfiska, mill-Qorti ta' l-Appell Kriminali fid-19 ta' Gunju 2008.[2] Illi l-artikoli tal-ligi citati mill-Qorti Kriminali fis-sentenza taghha tas-27 ta' Frar 2008 kienu s-segwenti, u cioe`:

***artikoli 8(a)(b), 10(1), 12, 14, 20, 22(1)(a)(2)(a)(i)(aa), (3A)(d) u 26 tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi (Kap.101) u r-Regola 8 tar-Regoli tal-1939 għall-Kontroll Intern tal-Mediċini Perikolużi (G.N. 292/39), u l-Artikoli 17(b), 95, 96, 325(1)(b), 23 u 533 tal-Kap. 9, kif ukoll l-artikolu 15(1)(a) tal-Kap. 65 tal-Liġijiet ta' Malta.***

Illi ghalhekk jirrizulta illi ghal dak li ghandu x'jaqsam ir-Regolament 9, artikolu 8 (b) tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta, u cioe` r-reat ta' traffikar tar-raza mehuda mill-pjanta tal-kannabis, huwa wiehed mir-reati li taghhom instab hati r-rikorrenti u li jiffiguraw fl-istess Regolament.

Illi filwaqt li dan it-Tribunal jifhem l-argumenti mressqa mir-rikorrent, id-deċiżjoni li jrid jagħti dan it-Tribunal trid tkun waħda oġġettiva u b'rispett sħiħ lejn il-liġi. Dan it-Tribunal m'għandux kompetenza jissindika jekk liġi hix ġusta jew inġusta. Il-liġi trid tiġi applikata kif inhi u jkunu kemm ikunu pjetużi s-sitwazzjonijiet li l-persuni aggravati jkunu fihom ma jistax jiddipartixxi minn dak li tgħid il-liġi.

Illi f'dan il-każ il-liġi hija pjuttost ċara u torbot idejn l-Awtorita` intimata. Ir-Regolament 9 (1) tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 499.56 ma tħalli l-ebda diskrezzjoni

[1] A fol. 26 *et sequitur*
[2] U mhux kif hemm erronjament imnizzel fil-fedina penali, u cioe fit-18 ta' Gunju 2008, liema data zbaljata giet riprodotta wkoll fid-decizjoni appellata

lill-Awtorita` intimata meta tiġi biex tipproċessa applikazzjoni għall-għoti ta' permess ta' operatur jekk jirriżultalha li l-applikant wettaq xi wieħed mir-reati hemm indikati. Lanqas dan it-Tribunal ma għandu xi diskrezzjoni speċjali jew addizzjonali fir-rigward. Il-liġi tagħmilha tassattiva fuq l-Awtorita` intimata li meta tirriskontra applikant li wettaq xi wieħed mir-reati elenkati fir-Regolament 9 trid neċessarjament tirrifjuta l-applikazzjoni tiegħu mingħajr ma tidħol biex teżamina kwalunkwe ċirkostanza oħra.

Illi għaldaqstant, it-Tribunal huwa tal-fehma illi fiċ-ċirkostanzi l-Awtorita` intimata ma kellha ebda triq oħra ħlief li timxi mal-liġi u tiċħad l-ghoti tal-permess ta' operatur li għalih applika r-rikorrent. Għalhekk, it-Tribunal ma jqisx illi l-istess deċiżjoni hija waħda nġusta, irraġjonevoli, sproporzjonata jew ibbażata fuq kunsiderazzjonijiet irrilevanti.

**DECIDE**

Għaldaqstant, it-Tribunal, għar-raġunijiet hawn fuq esposti qiegħed jiċħad l-appell tar-rikorrent u filwaqt li jastjeni milli jiehu konjizzjoni ulterjuri tal-ewwel eccezzjoni tal-Awtorita` intimata stante li din giet irtirata, jilqa' l-kumplament tal-eccezzjonijiet tal-istess Awtorita`.

Bl-ispejjeż kontra r-rikorrent.

______________________________

**Maġistrat Dr. Charmaine Galea**
**President tat-Tribunal ta' Reviżjoni Amministrattiva**

_________________

**Antonella Cassar**
**Deputat Reġistratur**